MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Numru 24/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Owen Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 24 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Owen Psaila, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-bidu tas-sena elfejn u hamsa (2005), l-akkuzat Owen Psaila iddecieda li jibda jmexxi u jittraffika fid-droga *ecstasy*. Psaila ftiehem ma' persuna li jigbor il- pilloli ta' l-*ecstasy* minghandha u wara jbieghhom lill-persuni ohra. Ghas-servizz tieghu li jbiegh u jforni dawn il-pilloli, l-akkuzat kellu jithallas ammont konsiderevoli ta' flus. Is-sehem tieghu kellu jittiehed mill-introjtu tal-bejgh li huwa kellu jaghmel. L-imsemmi Owen Psaila ma kienx licenzjat skond il-ligi biex ibiegh jew jitraffika medicina ristretta f'Malta. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fi tlett okkazzjonijiet

differenti matul l-ewwel erba’ xhur ta’ dik is-sena, l-akkuzat gabar il-pilloli ta’ l-*ecstasy* minghand il-persuna msemmija. Fl-ewwel zewg okkazzjonijiet huwa rnexxielu jbiegh din id-droga skond il-ftehim milhuq minghajr ma nqabad mill-Pulizija. Fit-tielet okkazzjoni, w cioè fit-8 ta’ April ta’ dik is-sena, il-Pulizija, li sadanittant kienet irceviet informazzjoni dwar dawn l-operazzjonijiet illegali, waqqfu lil Psaila fl-inhawi tal-*Burger King* f’tas-Sliema u wara tfittxija li ghamlu fil-vettura tieghu sabu baskett li kien jikkontjeni madwar elfejn u hames mitt (2,500) pillola li dehru li kienu pilloli ta’ l-*ecstasy*. Dan gie konfermat minn analizijiet u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici. Dawn il-pilloli ghandhom il-valur ta’ kwazi hdax-il elf Maltija (Lm11,000).

Id-droga MDMA (*ecstasy*) hija medicina ristretta msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini u fit-Tielet Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Owen Psaila sar hati talli, b’diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b’rizoluzzjoni wahda, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha, jew ippromova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l- assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Owen Psaila talli, b’diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b’rizoluzzjoni wahda, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha (Kap. 31), jew ippromova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l- assocjazzjoni;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f)(1A)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 18, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l- imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-bidu tas-sena elfejn u hamsa (2005), l-akkuzat Owen Psaila iddecieda li jibda jmexxi u jittraffika fid-droga *ecstasy*. Fi tlett okkazzjonijiet differenti matul l-ewwel erba' xhur ta' dik is-sena, l-akkuzat gabar ammont sostanzjali ta' pilloli ta' l-*ecstasy* minghand terza persuna bil-ghan li jbieghhom lill- persuni ohra. Psaila kellu jithallas ghal dan l-operat u s-sehem tieghu kellu jittiehed mill-introjtu tal-bejgh li huwa kellu jaghmel. Fl-ewwel zewg okkazzjonijiet Psaila rnexxielu jbiegh din id-droga skond il-ftehim milhuq minghajr ma nqabad mill-Pulizija u fil-fatt anke thallas ghall-parti tieghu f'dawn l-operazzjonijiet. Fit-tielet okkazzjoni, u cioè fit-8 ta' April ta' dik is-sena, il-Pulizija, li sadanittant kienet irceviet informazzjoni dwar dak li kien qed isir, waqqfu lil Psaila fl-inhawi tal-*Burger King* f'tas- Sliema u wara tfittxija li ghamlu fil-vettura tieghu sabu baskett li kien jikkontjeni madwar elfejn u hames mitt (2,500) pillola li dehru li kienu pilloli ta' l-*ecstasy*. Dan gie konfermat minn analizijiet u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici. Dawn il-pilloli ghandhom il-valur ta' kwazi hdax-il elf Maltija (Lm11,000).

Il-post fejn l-akkuzat gie mwaqqaf mill-Pulizija kien gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru tal-Knisja Parrokkjali ta' Gesù Nazzarenu kif ukoll tal-grupp taz-zghazagh tal-Patrijiet Dumnikani biswit il-Knisja msemmija.

Id-droga MDMA (*ecstasy*) hija medicina ristretta msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini u fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Owen Psaila sar hati talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika; b'dan li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew centru taz- zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z- zghazagh.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Owen Psaila talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika; b'dan li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill- perimetru ta', skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li

hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 18, 23 u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi indikati fl-ewwel zewg kapi ta' dan l-att ta' l-akkuza, u cioè fl-ewwel erba' xhur tas-sena elfejn u hamsa (2005), l-akkuzat Owen Psaila kellu fil-pussess tieghu numru kbir ta' pilloli ta' l-*ecstasy*. Din id-droga kienet intiza biex tigi mibjugha u traffikata, u fil-fatt parti sostanzjali minnha giet mibjugha. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-Pulizija fit-8 ta' April ta' dik is-sena fl-inhawi tal-*Burger King* f'tas-Sliema u, wara tfittxija li ghamlu fil-vettura tieghu, sabu baskett li kien jikkontjeni madwar elfejn u hames mitt (2,500) pillola li dehru li kienu pilloli ta' l-*ecstasy*. Dan gie konfermat minn analizijiet u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici. Dawn il-pilloli, li kif spjegat huma biss frazzjoni tal-pilloli li kienu fil-pussess ta' l-akkuzat fil-perijodu msemmi w li, kif spjegat ukoll, ma kienux intizi ghall-uzu eskluzziv tieghu, ghandhom il-valur ta' kwazi hdax-il elf Maltija (Lm11,000).

Il-post fejn l-akkuzat gie mwaqqaf mill-Pulizija kien gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru tal-Knisja Parrokkjali ta' Gesù Nazzarenu kif ukoll tal-grupp taz-zghazagh tal-Patrijiet Dumnikani biswit il-Knisja msemmija.

Id-droga MDMA (*ecstasy*) hija medicina ristretta msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini u fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Owen Psaila sar hati talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika; u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill- perimetru ta', skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Owen Psaila talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika; u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z- zghazagh.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 18, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap illi fis-6 ta’ April tas- sena elfejn u hamsa (2005), u fil-granet ta’ qabel, l-akkuzat Owen Psaila kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina. L-akkuzat kien fil- pussess ta’ din id-droga meta kien gewwa Paceville u anki f’postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Owen Psaila sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill- Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill- imsemmi Owen Psaila talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil- pussess

tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar u mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (LM10,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), fir-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta’ l-1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat tas-27 t' April, 2007, li biha eccepixxa illi :-

1. l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza huwa null stante li l-fatti elenkati fil-parti narrativa ta' l-istess Kap m' ghandhomx ness mad-delitt lilu addebitat ta' assocjazzjoni, izda bir-rispett, l-istess fatti jistghu jwasslu ghall-allegat delitt ta' traffikar tad-droga *ecstasy* li jidher li hu d-delitt kontemplat fit-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.
2. Illi l-fatti kontemplati fit-tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza ma jwasslux ghal kliem preciz ta' l-akkuza u dan peress illi l-fatti elenkati fil-parti narrativa tat-tieni Kap ma jaghmlu ebda riferenza ghall-akkuzi illi allegatament l-akkzat "importa, immanifattura, esporta…"
3. Illi dak sottomess fit-tieni eccezzjoni supra japplika wkoll ghat-tielet kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.
*4.* Illi, b' mod generali, dik il-parti tat-testimonjanza tal-ispizjar Mario Mifsud rigwardanti l-allegat valur tad-droga ma hiex ammissibbli skond il-ligi peress li x-xhud imsemmi ma hux qed jiddeponi di xjenza proprja, izda qieghed

jiddependi fuq dak li rrizltalu minn sors iehor u ghalhekk dan jammonta ghal *hearsay evidence.*

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2007 li bih Dr. A. Bugeja, ghall-prosekuzzjoni, ddikjara li ghall-fini tat-tieni kap l-eghmil illegali kien jikkonsisti f' biegh biss u xejn aktar.

Rat l-ordni taghha tal-istess data li skondha Dr. Bugeja kellu jiddikjara permezz ta' nota prezentata fi zmien tmint ijiem minn dak in-nhar x' inhu l-eghmil illegali li qed jikkontempla l-Avukat Generali fit-tieni u fit-tielet kap, bil-visto tal-kontro-parti, li jkollu tmint ijiem johra biex jaghmel kull osservazzjoni opportuna.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-29 ta' Novembru, 2007.

In sostenn tal-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat, l-abbli difensur, fil-kors tat-trattazzjoni orali, ssottmetta li n-narrazzjoni fil-kaz tal-ewwel kap tirriferi ghal traffikar u mhux ghal assocjazzjoni. F' dal-kaz la hemm importazzjoni, la manifattura w lanqas esportazzjoni . Ghar-rigward tar-raba' eccezzjoni, l-abbli difensur iddikjara li hu kien joqghod ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Alex Mallia", pero' xorta wahda insista fuq din l-eccezzjoni.

L-abbli prosekutur irribatta li skond il-gurisprudenza ma kienx inkompatibbli li zewg akkuzi jitreqqsu flimkien quddiem il-Qorti Kriminali w l-ewwel kap kien isemmi l-elementi tar-reat ta' assocjazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel eccezzjoni li tirrigwarda n-nullita' tal-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza hija fis-sens li l-fatti elenkati fil-parti narrativa m'ghandhomx ness mad-delitt lilu addebitat ta'

assocjazzjoni izda jistghu biss iwasslu ghar-reat tat-traffikar tad-droga ecstasy.
Illi fl-ewwel paragrafu ta' l-ewwel kap ta' dan l-att ta' l-akkuza jintqal testwalment hekk *inter alia* :-

*"Illi fil-bidu tas-sena elfejn u hamsa (2005) l-akkuzat Owen Psaila iddecieda li jibda jmexxi u jittraffika fid-droga ecstasy. Psaila* ***ftiehem*** *ma' persuna li jigbor il-pilloli ta' l-ecstasy minnghandha u wara jbieghhom lill-persuna ohra. Ghas-servizz tieghu li jbiegh u jforni dawn il-pilloli, l-akkuzat kellu jithallas ammont konsiderevoli ta' flus. Is-sehem tieghu kellu jittiehed mill-introjtu tal-biegh li huwa kellu jaghmel….."* (sottolinear tal-Qorti)

Kjarament dawn il-fatti allegati b' mod forsi kemm xejn telegrafku jirriferu ghall-**ftehim** li allegatament ghamel l-akkuzat ma terza persuna qabel ma attwalment beda jwettaq l-att materjali tat-traffikar konsistenti fix-xiri u fil-biegh tal-istess droga. Dan il-ftehim hu proprju wiehed mill-elementi ewlenin tar-reat ta' assocjazzjoni ghall-fini tal-Kap. 31. Certament ghalhekk li ness bejn il-fatti premessi fil-parti narrattiva u l-parti akkuzatorja jezisti. Il-ftehim huwa preordinat ghall-att materjali tal-biegh u distribuzzjoni jew forniment li jigi wara imma, salv xi assorbiment ghall-fini tal-piena skond l-artikolu 17(h) ghax ikun serva bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar, hu reat indipendenti w separat mir-reat ta' traffikar kontemplat fit-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza. Jista' ipotetikament ma jirrizultax pruvat l-eghmil illegali allegat taht it-tieni kap imma jigi pruvat il-ftehim bejn l-akkuzat u terza persuna. Ghalhekk l-Avukat Generali ghandu kull dritt li jakkuza kemm bir-reat ta' assocjazzjoni kif ukoll b' dak tat-traffikar, salv umbaghad l-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni jekk il-gurati jsibu htija kemm taht l-ewwel kif ukoll taht it-tieni kap.

Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

It-tieni eccezzjoni hi fis-sens li l-fatti allegati ma jwasslux ghall-kliem preciz ta' l-akkuza ghax ma jaghmlu ebda riferenza ghall xi eghmil li bih l-akkuzat "*importa, immanifattura, esporta.."* Issa f' dan il-kaz l-Avukat

Generali ddikjara li l-eghmil illegali imputat lill-akkuzat f' dan il-kap hu il-biegh tad-droga ecstasy.

Fil-parti narrattiva tat-tieni kap, insibu testwalment is-segwenti :-

*"Fi tlitt okkazzjonijiet differenti matul l-ewwel erba xhur ta' dik is-sena* (i.e. 2005), *l-akkuzat gabar ammont sostanzjali ta' pilloli ta' l-ecstasy minnghand terza persuna bil-ghan li jbieghhom lill-persuna ohra…Fl-ewwel zewg okkazzjonijiet Psaila* ***rnexxielu jbiegh*** *din id-droga skond il-ftehim milhuq minghajr ma nqabad mill-Pulizija u fil-fatt anki thallas ghall-parti tieghu f' dawn l-operazzjonijiet. Fit-tielet okkazzjoni, u cioe' fit-8 t' April, ta' dik is-sena, il-Pulizija…waqqfu lil Psaila fl-inhawi tal-Burger King f' Tas-Sliema u wara tfittxija li ghamlu fil-vettura tieghu sabu basket li kien jikkontjeni madwar elfejn u hames mitt pillola (2500) pillola li dehru li kienu pilloli tal-ecstasy…"… "Il-post fejn l-akkuzat ie imwaqqaf mill-Pulizija kien gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru tal-Knisja Parrokkjali ta' Gesu' Nazzarenu kif ukoll tal-grupp taz-zaghzagh tal-Patrijiet Dumnikani biswit il-Knisja imsemmija."*

Ghalhekk mill-fatti esposti fil-parti narrativa jidher car li jezisti n-ness bejn dawn il-fatti u l-akkuza ta' traffikar konsistenti fix-xiri u l-biegh tal-ecstasy entro l-perimetru ta' mitt metru minn post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh, li jikkostitwixxi r-reat ta' traffikar.

Hu minnu pero' li minn dawn il-fatti ma johrog ebda ness mall-addebiti li l-akkuzat *"importa, immanifattura, esporta*" l-medicina ristretta. Dawn il-kliem, ghalkemm jissemmew fid-definizzjoni tat-terminu "*jittraffika"* li hemm fl-artikolu 120A (1B) tal-Kap.31, f' dan il-kaz huma superfluwi w rrilevanti w fil-fehma ta' din il-Qorti, jistghu iservu biss biex jikkomplikaw l-affarijiet u jikkonfondu lill-gurati.

Ghalhekk, ghalkemm ma hemm ebda nullita' ghax hemm ness bejn il-fatti fuq riprodotti u l-akkuza ta' traffikar konsistenti fix-xiri jew biegh tal-medicina ristretta ecstasy, u ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi respinta, din il-Qorti tordna li l-Att ta' l-Akkuza jigi emendat billi fir-raba' w l-

hames paragrafu ta' t-tieni kap tal-att ta' l-akkuza jithassru l-kliem "**importa, immanifattura, esporta"** kull fejn dawn jirrikorru. (sottolinear u emfasi ta' din il-Qorti).

It-tielet eccezzjoni hija fl-istess sens tat-tieni eccezzjoni imma riferibbilment ghat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza. Hawn si tratta ta' akkuza ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat b' dan li r-reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn jiltaqghu iz-zaghzagh. Anki hawn il-fatti premessi fil-parti espozitorja jinkwadraw pjenament fl-akkuza jekk wiehed jara l-ewwel u t-tieni paragrafu ta' dan il-kap.

Pero' kif gie ritenut fit-tieni eccezzjoni rigwardanti t-tieni kap tal-att ta' l-akkuza, anki hawn fil-parti akkuzatorja hemm riferenza inutili w superfluwa ghall-ahhar ghall-xi agir li bih l-akkuzat "***importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh,"*** il-medicina ristretta. Dan ghaliex dawn mhumiex l-elementi tar-reat tal-pussess tal-medcina ristretta u l-att ta' l-akkuza ikun validu w shih jekk jirriferi biss ghall-kliem l-ohra adoperati fil-parti akkuzatorja w cioe' li l-akkuzat *" uza jew kellu fil-pussess tieghu"* .

Ghalhekk fil-waqt li tichad l-eccezzjoni tan-nullita' ta' dan il-kap tal-att ta' l-akkuza, tordna li ssir korrezzjoni fit-tielet kap tal-att ta' l-akkuza billi fir-raba' u l-hames paragrafi tal-istess kap, jithassru il-kliem ***"importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh"*** kull fejn dawn irrikorru.

Illi ghar-rigward tar-raba' eccezzjoni, din tghid li dik il-parti tat-testimonjanza ta' l-Ispizjar Mario Mifsud rigwardanti l-allegat valur tad-droga ma hix ammissibbli skond il-ligi peress li x-xhud imsemmi ma hux qed jiddepondi di xjenza proprja, izda qed jiddependi fuq dak li rrizultalu minn sors iehor u ghalhekk dan jammonta ghall *hearsay evidence*.

Illi, kif jirrikonoxxi l-istess difensur, eccezzjoni simili tigi giet trattata w deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza " **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Alex Mallia"** [4.10.2007]. Hemm gie ritenut li d-depozzizjoni w

r-relazzjoni tal-espert (f' dak il-kaz Godwin Sammut) dwar il-valur tad-droga in ezami, kellhom jitqiesu bhala deposizzjonijiet ta' u dokument ammissibbli skond il-ligi w li tista' ssir riferenza ghalihom skond il-ligi, b' dan pero' li dawn ghandhom f' kull kaz jitqiesu bhala depozizzjoni w dokument redatt minn xhud ordinarju w mhux minn perit nominat mill-Qorti.

Din il-Qorti, ghalkemm kienet iddecidiet xort' ohra f' dik il-kawza, tara li ghandha ssegwi l-precedent dettat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali w ghalhekk ser tiddisponi minn din ir-raba' u l-ahhar eccezzjoni preliminari konformement.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-erba eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat b' dana pero' li fir-rigward tat-tieni kap tal-att tal-akkuza qed tordna l-korrezzjoni tal-att tal-akkuza billi fil-paragrafi erba u hamsa tal-istess kap, jigu imhassra w kancellati l-kliem : ***"importa, immanifattura, esporta"*** kull fejn dawn jirrkorru; fit-tielet kap tal-att ta' l-akkuza jithassru w jigu kancellati l-kliem ***"importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh"*** kull fejn dawn jirrkorru, w tordna li l-akkuzat jerga' jigi minnufieh notifikat bl-att ta' l-akkuza kif korrett. Fir-rigward tar-raba eccezzjoni preliminari, tiddecidi li kull riferenza li saret mill-espert tal-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud ghall-valur tad-droga involuta sija f' xi depozizzjoni kif ukoll f' xi relazzjoni ghandha tkun ammissibbli bhala prova skond il-ligi w li tista' ssir riferenza ghaliha waqt is-smiegh tal-kawza quddiem il-gurati, b' dana pero' li l-gurati ghandhom jigu mwissija mill-Qorti li tali riferenzi ghandhom jitqiesu bhallikieku saru minn xhud ordinarju w mhux minn perit nominat mill-Qorti.

Il-kawza tibqa' differita sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell minnha.

Sadanitant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li hu ghal dak li jirrigwarda l-liberta' provizorja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------